MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 349/2012

**Appell Nru. 349/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Emanuel Cassar**

**Illum 11 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 527571 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Jannar, 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Anabel Cassar is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Gunju, 2012, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u jew tvarja s-sentenza appellata ghar-ragunijiet moghtija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attrici appellata.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok, l-appellant isostni li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel apprezzament tal-provi kif provduti lilha u nonostante' ghaddiet biex issib lil l-appellanti hati u kkundannatu gimgha detenzjoni. L-Artikolu 253 (a) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi illi sentenzi u d-digrieti tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta jikkostitwixxu titoli ezekuttivi, u ghalhekk huma ezegwibbli skond il-Ligi. Sa minn qabel saru l-emmendi kif kontemplati fil-Ligi din il-procedura kienet diga fis-sehh, ghalhekk xejn ma xekkel lii appellata biex tadixxi mad-dettami tal-Ligi u
tissodisfa l-kreditu lilha dovut. Sentenza moghtija nhar il-25 ta' Novembru, 2002 (qabel dahlu fis-sehh l-emmendi fil-Ligi), fl-ismijiet Josephine Borg vs Loreto Borg, ttenni *"illi di piu' fir-rigward ta' digrieti moghtija mis-Sekonda Awla tal-Qorti Civili rigward hlas ta' manteniment pendente lite, u t-talbiet l-ohra ndikati fl-Artikolu 470, l-artikolu 480, subinciz 3(a) jiddisponi illi dawn id-digrieti huma meqjusa bhala titoli ezekuttivi, meqjus bhala nkluz fost d-digrieti msemmija fl-artikolu 253, hawn fuq citat, u ghalhekk illi l-istess digriet huwa ezegwibbli waraerbgha u ghoxrin siegha mill-ghoti tieghu bil-mezz ta' xi att ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 273 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

*u cioe' pemezz tal-Mandati Ezekuttivi"*. L-Artikolu 255 (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li huma ezegwibbli wara erbgha u ghoxrin siegha li jinghataw sentenzi li bihom jigi ordnat il-ghoti ta' manteniment kif filfatt ghamlet l-appellata, izda naqset milli effettivament tezegwixxi sabiex tissodisfa l-kreditu lilha dovut.

It-tieni aggravju:
Ghandu jigi mifhum li stante' li l-appellata talbet u otteniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 91/2012 fl-ismijiet Anabel Cassar Bonnici vs Emanuel Cassar, l-ammont mitlub fl-istess Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv, cioe' dak ta' tmien mitt Ewro (€800), kien jissodisfa l-pretensjoni tal-appellata fis-somma ta' mitejn Ewro (€200). Tenut kont li l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv gie ntavolat proprju fil-mori tal-kawza kriminali, l-konsegwenza legittima kellha tkun dik li l-azzjoni kriminali tigi estinta. Il-hrug u l-otteniment tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kif intavolat mill-appellata kien ukoll intiz bhala rinunzja tacita ghall-azzjoni kriminali.

Illi huwa fatt risaput li r-reat kontemplat fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa reat kontra l-ordni pubbliku u mhuwiex reat kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta u min jikkommetti dan ir-reat kif inhu l-kaz de quo ikun qieghed imur kontra ordni tal-Qorti. Illi l-appellant jirrikonoxxi l-fatt li huwa naqas milli jivversa s-somma ordnata fiz-zmien stipulat mill-Ligi. L-appellant seta facilment jghaddi biex ihallas l-ammont dovut qabel is-smiegh tal-kawza kriminali, izda u stante' li l-flus pretizi, cioe' l-ammont f'manteniment ta' mitejn Ewro (€200) kienu diga gew debitament depozitati permezz ta' Cedola ta' Depozitu, l-pretensjoni tal-appellata kienet sodisfatta u ma kienx jaghmel sens li l-appellant apparti li l-ammont f'manteniment kien tpogga fiz-zgur permezz tac-Cedola ta' Depozitu jerga' jhallsu ghal darb'ohra.

It-tielet aggravvju:
L-appellant isostni li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti mhiex ekwa u hija wahda ferm harxa, dan meta tqies li din kienet l-ewwel darba li l-appellant instab hati ta' tali akkuza u li n-nuqqas tieghu ma kienx wiehed kapriccuz

izda dettat mic-cirkostanzi w ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tapplika piena karcerarja w tkompli tezacerba s-sitwazzjoni ta' bejn il-konjugi.

L-appellant jissottometti li f'kaz illi din il-Qorti ma taccettax l-aggravji surreferiti, il-piena li giet applikata fil-kaz odjern hija wahda eccessiva u harxa u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kaz. Illi l-appellant ihoss li ghandu jkun hemm temperament fil-piena li jirrispekkja l-fedina penali tieghu u li tiehu kont tac-cirkostanti tal-kaz. Il-piena nflitta hija wahda certament esagerata stante li mill-provi gia prodotti, referibilment ghal Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv li ssodisfa l-pretensjoni tal-appellata u ma kienetx tezizti l-htiega li tipproseggwi bl-akkuzi kriminali kontra l-appellant.

Ikkunsidrat:

Irrizulta fil-provi li l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni kontenzjuzi liema proceduri gew istitwiti fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tal-elfejn u hdax (2011). Permezz ta' digriet moghti fis-sittax (16) ta' Novembru tal-elfejn u hdax (2011) mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, l-appellant gie ikkundannat ihallas l-ammont ta' mitejn ewro (€ 200) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghall-minuri Luca Cassar. Ghax-xahar ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) l-appellant kien moruz fil-hlas ta' dan il-manteniment u fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April elfejn u tnax (2012) il-parti leza ottjeniet mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-appellant fis-somma ta' tmien mitt ewro (€ 800). Dan il-mandat gie notifikat lill-banek kif ukoll lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin fejn jahdem l-appellant. Peress illi l-ammont ta' manteniment dovut huwa ta' mitejn ewro (€ 200) u gew depozitati s-somma ta' tmien mitt ewro (€ 800), l-appellant deherlu illi ma kellux ghalfejn joqghod ihallas iktar.

Ikkunsidrat:

L-appellant qieghed jargumenta illi huwa ma hallasx l-ammont dovut ghal Jannar tal-elfejn u tnax (2012) minhabba dan is-sekwestru illi giet maqbuda s-somma ta' tmien mitt ewro (€ 800) ferm aktar l-ammont dovut ta'

mitejn ewro (€ 200), kwindi ghal dak ix-xahar il-manteniment kien imhallas. Di piu, qatt ma saret talba mill-parti civili sabiex tirtira dan l-ammont u terga', fil-mandat ma giex indikat ghal liema xahar is-sekwestru sar. Fi kwalunkwe kaz, anke li kieku l-Qorti kellha tikkonferma s-sentenza, il-piena fil-konfront tieghu hija esagerata u zgur illi ma kellux jghaddi xi perjodu karcerarju minhabba nuqqas ta' manteniment.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. Jibda biex jinghad illi t-talba qieghda ghall-manteniment ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) izda l-parti civili damet tistenna hafna sakemm kellha tirrikorri ghall-Qorti sabiex tiehu dak li kien dovut lilha. Il-mandat intalab fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tal-elfejn u tnax (2012), tlett (3) xhur wara li kien dovut il-manteniment ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012). It-tieninett il-parti civili ghandha dritt tircievi l-manteniment f'idejha fi zmien stipulat mil-ligi, u cioé mhux aktar minn hmistax-il (15) gurnata meta dan ikun dovut. Il-fatt illi xi ammonti jigu depozitati l-Qorti ma jaffettwa xejn dan id-dritt illi jibqa' mittiefes.

Il-manteniment ghandu jithallas lil min ghandu dritt jircevih. Il-Qorti m'ghandhiex dritt tircievi manteniment minghand hadd, wisq anqas minghand l-appellant u l-parti civili m'ghandhiex tippretendi illi ghal dak li hu dovut lilha bi dritt trid toqghod taghmel mandat ta' sekwestru kull xahar biex forsi tiehu xi haga. Anke li kieku l-mara kellha taghmel hekk u tirtira l-ammont depozitat, dana dejjem kien se jkun bin-nieqes peress illi minnu jkun irid jitnaqqas id-drittijiet tar-Registru kif ukoll tal-avukat. Ghalhekk l-appellant ma jistax jinheba wara l-iskuza tal-mandat. Kien it-tort tieghu illi sar dan il-mandat u kien fil-ksur tal-ligi u din il-Qorti ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn persuna jiehu vantagg minn nuqqas tieghu.

Ghalhekk il-Qorti qieghda tirrespingi l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellant.

Rigward it-tielet aggravju l-appellant qieghed jilmenta li l-piena inflitta hija wahda certament esagerata u ma kellux jigi kundannat ghal piena karcerarja anke jekk il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti hadet dan is-suggeriment u rat il-fedina penali tal-appellant minn fejn jirrizulta sensila ta’ reati u abbuzi ohra diretti lejn il-mara tieghu Annabelle Cassar. Minkejja diversi multi u ordnijiet ta’ protezzjoni fil-konfront ta’ Annabelle Cassar l-appellant ma tantx wisq wera xi riforma ghal dak li jirrigwarda l-attitudni u l-imgieba tieghu versu Annabelle Cassar u l-obbligazzjonijiet minnu assunti. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrizzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. Irrizulta illi l-piena inflitta hija fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------